MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 245/2005

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Salvino Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Salvino Muscat ta' 41 sena bin il-mejjet Paul u Josephine nee' Calleja, imwieled il-Pieta' fit-28 ta' Awwissu 1963, residenti fil-fond May Year, No. 3, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 461063(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Frar, 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi

persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma iffalsifikati.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghadhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond artikolu 533 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta' Dicembru 2008 (esebita a fol. 81 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(b) fl-artikoli 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(c) fl-artikolu 334, 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) fl-artikoli 17,23, 23B, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-19 ta' Ottubru 2008, l-imputat Salvino Muscat iddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-10 ta' Frar 2005 ghall-habta tal-4.00pm il-Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien qed jitraffika d-droga mill-appartament tieghu fi Triq l-Ghabex, il-Qawra. Meta l-Pulizija marret fl-imsemmi post sabiex tinvestiga u taghmel tfittxija fl-imsemmija appartament apparti xi qratas kontenenti sustanza suspettata li kienet kokaina instabu wkoll xi biljetti tal-flus fil-hwejjeg tal-imputat li kienu fil-gwardarobba liema flus kienu suspettati li kienu foloz. Dawn il-biljetti tal-flus gew esebiti in atti u gew ezaminati mill-espert nominat minn din il-Qorti, Robert

Mifsud, (rapport relattiv inserit a fol. 60 et sequitur tal-process). Fir-rapport tieghu l-espert tal-Qorti ikkonkluda is-segwenti:-

Id-dokumenti kollha li huma mmarkati bhala **Dok. EQ2**, u cioe' 18-il karta tal-flus f'valuta liri Maltin ta' denominazzjoni ta' Lm10, ma ghandhomx il-fatturi tas-sigurta' li jinsabu fuq il-karti genwini tal-flus f'valuta liri Maltin. Id-dokumenti kollha msemmija mhumiex stampati fuq karta tal-flus genwina, ghandhom forma ta' stampar li jixbah, imma mhux ugwali ghal dak ta' fuq il-karta tal-flus genwina, waqt il-fatturi l-ohra tas-sigurta' bhal *watermark* li ma tidhrix, *security thread* u l-linka li tibdel il-kulur mhumiex bhal dawk li jinstabu fuq il-karti tal-flus originali. Barra minn hekk, sitta mid-dokumenti f'valuta liri Maltin ta' denominazzjoni ta' Lm10 ghandhom l-istess numru serjali (C/43 561337), sitta ohra f'valuta liri Maltin ta' denominazzjoni ta' Lm10 ghandhom in-numru (C/47 525694), filwaqt li sitta ohra f'valuta liri Maltin ta' denominazzjoni ta' Lm10 ghandhom in-numru (C/48 538836), dan meta n-numru serjali fuq il-karta tal-flus Maltin huwa uniku ghal kull karta tal-flus, u ma jistax jinstab f'aktar minn karta tal-flus wahda. **Ghaldaqstant l-esponent jiddikjara li tali dokumenti huma kollha foloz;**

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Salvino Muscat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 31 u 32 tal-process, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza taal-14 ta' Mejju 2009 qal li dawn il-flus foloz kien tahomlu terza persuna li isimha ma kienx jafu li kien iltaqa' mieghu fil-pjazza ta' Bugibba u li kien hadu id-dar tieghu sabiex ibieghlu xi diski. L-imputat qal li huwa kien qed jiehu kafe' fil-pjazza ta' Bugibba meta ra zewg zghazagh li kellhom xi basktijiet bid-diski u huwa qalilhom li kellu xi diski ghal bejgh u dawn iz-zghazagh flimkien ma tlett ihbieb taghhom akkompanjawh l-appartament tieghu fejn xtraw xi diski ghall-prezz ta' Lm220 u hallsuh l-ammont ta' Lm180 f'biljetti tal-Lm10 u l-ammont ta Lm40 permezz ta' zewg biljetti tal-Lm20. L-imputat qal li huwa qieghed parti kbira

mill-flus gewwa but tal-glekk li kien fil-gwardarobba u li huwa kien juza qiesu safe u zamm ir-rimanenti biljetti tal-flus fuqu. Meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat qal li huwa kien cempel lill-Ispettur Ramon Cassar sabiex jinfurmah li fil-pjazza ta' Bugibba kien hemm wiehed minn dawk in-nies li kienu ghaddewlu l-flus foloz izda dakinhar l-Ispettur kien impenjat fuq xoghol iehor.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta u bir-reat ta' ricettazjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jistabbilixxi li kull min minghjar awtorita' legali jew minghajr skuza legittima (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jircievi jew jixtri minghand terza persuna jew ikollu fil-pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat u li jkun jaf li huwa falsifikat jehel meta jinsab hati prigunerija ta' mhux anqas minn tlettax (13) il-xahar u mhux aktar minn hames (5) snin. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li kellu skuza legittima sabiex ikollu l-biljetti tal-flus foloz li nstabu fil-pussess tieghu. Il-Qorti inoltre jidrilha li mill-provi rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf li l-flus li kellu fil-pussess tieghu kienu biljetti falsifikati u dan jinghad kemm ghaliex l-istess flus instabu mohbijin f'but ta' glekk fi gwardarobba fejn instabet ukoll xi sustanza suspettata li kienet  droga kokajina kif ukoll ghaliex meta instabu il-flus fil-pussess tieghu l-imputat qatt ma qal li ma kienx jaf li l-flus huma foloz u vvinta storja ghal kollox inverosimili li dawn il-biljetti tal-flus kienu gew fil-pussess tieghu wara li kien biegh xi diski lil xi zghazagh lli ltaqa' maghhom fil-pjazza ta' Bugibba u li ma kienx jaf min huma.

Il-Qorti jidrilha li l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u huwa qieghed ghalhekk jinstab hati tal-istess akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li huwa ghandu fedina penali relattivament netta kif ukoll il-fatt li mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Ramon Cassar jirrizulta li huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li m' ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda wahda sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-18 ta' Novembru 2008 u senjatament l-Artikoli 18, 31, 23 u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €43.72, liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna il-konfiska favor il-Bank Centrali ta' Malta tal-biljetti tal-flus falsifikati esebiti in atti bl-awtorita' li jiddisponi minnhom kif jidhrilhom xieraq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------